**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors Numru: 31/2019**

**Martin Storåsen (K.I. 0179346A) u Disa Stigh (K.I. 0159428A)**

**vs**

**Audrienne Spiteri-Gonzi (ID 517264M)**

**Illum, 04 ta' Diċembru 2019**

Il-Bord;

Ra r-rikors promotur li jghid hekk:

"Illi l-intimat għandha tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tlett elef u mitejn euro (€3,200), rappreżentanti żewġ depożiti mgħoddija lilha mir-rikorrenti mal-iffirmar ta' kuntratt ta' lokazzjoni (hawn anness u mmmarkat bħala "Dok. A") fuq proprjetà li r-rikorrenti krew mingħand l-istess intimata, liema proprjetà tinsab fl-indirizz 57, Triq il-Bies, Wied tal-Mensija, San Ġwann. Speċifikament elf euro

(€1,000) minnhom jirrapreżentaw ‘breakages deposit’ filwaqt li elfejn u mitejn euro (€2,200) minnhom jirrapreżentaw depożitu ġenerali u l-istess żewġ depożiti ġew miżmuma mill-intimat mingħajr ebda raġuni valida fil-fatt u fid-dritt.

Illi l-kirja kellha tinħall minħabba l-fatt li l-intimata immolestat lir-rikorrenti fil-paċifiku pussess tal-proprjetà surriferita u b’hekk kisret il-klawżola numru għaxra (10) tal-kuntratt ta’ lokazzjoni u inoltre ma qdietx l-obbligi tagħha taħt l-artikolu 1539 tal-Kapitolu 16 tal-liġijiet ta’ Malta.

Illi r-rikorrenti ma kellhomx għażla oħra għajr li jħollu l-kuntratt ta’ lokazzzjoni surreferit, liema ħall ġie aċċettat mill-intimata.

Illi inoltre l-proprjetà surreferita ngħatat lura lill-intimat fl-istess kundizzjoni illi kienet fil-bidu tal-kuntratt ta’ lokazzjoni u għaldaqstant m’hemm ebda raġuni valida għalfejn għandhom jiġu miżmuma minnha ż-żewġ depożiti.

Illi minkejja diversi tentattivi mir-rikorrenti sabiex l-intimata tirrifondihom dawn iż-żewġ depożiti lura, hija baqgħet inadempjenti u għalhekk kellhom jirrikorru għal dawn il-proċeduri.

Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob lil dawn il-Bord jogħġbu jordna lill-intimata tħallas lura lir-rikorrenti l-ammont totali ta’ tlett elef u mitejn euro (€3,200), rappreżentanti żewġ depożiti marbutin ma’ kuntratt ta’ lokazzjoni, miżmuma bla raġuni valida, u dan fi żmien qasir u perentorju.

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra legali.”

Ra illi l-intimata minkejja li debitament notifikata kif jirriżulta a folio 18 sa 25 tal-proċess, ma ppreżentat l-ebda risposta.

Ra l-atti kollha tal-kawża;

Ra u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti;

Ra illi fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2019 ġew preżentati l-kapitoli kontra l-intimata u l-kawża tħalliet għas-subizzjoni;

Ra illi l-intimata baqgħet ma dehritx biex tikkontestal-istess kapitoli.

Ikkunsidrat:

Illi fil-kawza odjerna r-rikorrenti qiegħdin jitolbu lill-Bord "jordna lill-intimata tħallas lura lir-rikorrenti l-ammont totali ta' tlett elef u mitejn euro (€3,200), rappreżentanti żewġ depożiti marbutin ma' kuntratt ta' lokazzjoni, miżmuma bla raġuni valida, u dan fi żmien qasir u perentorju. Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra legali."

Illi l-intimata minkejja li debitament notifikata baqgħet kontumaċi mhux biss għax ma preżentat l-ebda risposta iżda wkoll naqset milli tidher quddiem il-Bord biex tikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti.

Illi fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2019 ġew preżentati l-kapitoli kontra l-intimata u l-kawża tħalliet għas-subizzjoni;

Illi l-intimata baqgħet ma dehritx fis-seduta ta' wara sabiex tikkontesta il-kapitoli preżentati kontra tagħha. Illi l-intimata għalhekk ma kkontestat bl-ebda mod it-talbiet tar-rikorrenti.

Illi mix-xhieda u dokumenti prodotti mir-rikorrenti, t-talbiet tar-rikorrenti jirriżultaw pruvati.

Ghal dawn ir-raġunijiet, il-Bord qiegħed jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jikkundanna lill-intimata thallas lura lir-rikorrenti s-somma ta' tlett elef u mitejn Ewro (€3,200) bl-ispejjez tal-prezenti procedura kontra l-intimata.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur